MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 274/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edmond Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Edmond Tabone talli fit-2 ta' Lulju 2006 ghall-habta ta' 2.00 pm, fi Triq il-Wileg, Bugibba, San Pawl il-Bahar, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru IAB – 321:

(1) Naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'stop';

(2) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta'

natura hafifa fuq il-persuna ta’ Michelle Mizzi skond kif iccertifikat Dr. Janika Borg MD ta’ SLH.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Edmond Tabone jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Edmond Tabone hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avviz Legali 94 tal-1969 u l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ Euro 300 u skwalifikatu mil-licenzji tas-sewqan ghal zmien (6) sitt xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Edmond Tabone pprezentat fis-7 ta’ Ottubru 2008, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi jigi dikjarat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u li jigi liberat minn kull piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant bazikament jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha u liema apprezzament iqis bhala erroneja. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda *viva voce* u tezamina r-ritratti tal-lokalita` li gew esebiti mid-difiza u r-ritratti tad-danni fil-vettura ta’ Michelle Mizzi li gew esebiti mill-prosekuzzjoni. Fil-fatt hawn ghandna zewg verzjonijiet kontrastanti. Michelle Mizzi tghid li harget minn fuq il-*lights* meta qalbu ahdar u l-appellant baqa’ hiereg minn fuq *stop sign* ghal go fiha. F’dan hi korroborata mill-gharus taghha Roderick Vella li kien passiggier maghha. Mill-banda l-ohra l-appellant jghid li waqaf fuq l-i*stop sign*, hares lejn ix-xellug u l-lemin, ra li l-*lights* kienu weqfin u kif hareg sab

il-vettura l-ohra ma' wiccu. It-tnejn akkuzaw lil xulxin bi speed eccessiv.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni taghha, u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett il-pozizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi kif indikat fl-iskizz tal-Pulizija (a fol. 18) tindika li kien l-appellant li mbotta l-vettura ta' Mizzi. Kieku  Mizzi kienet gejja, kif jghid l-appellant, "b'sahha kbira" u baqghet diehla go l-appellant, il-vettura ta' l-appellant kienet b'xi mod tigi spustata lejn ix-xellug. L-appellant fix-xiehda tieghu jilmenta li fejn gara l-incident huwa *black spot*, li l-*lights* ma tkunx taf x'kulur huma peress illi kull ma tara mill-posizzjoni li hu kien hiereg minnha huwa l-kaxxa taghhom minn wara, li trid kwazi tuza l-immaginazzjoni tieghek jew tara x'karozza hi, u li minn hemm mhux tohrog trid imma tizgicca. Issa, mir-ritratti esebiti huwa evidenti illi min ikun gej mid-direzzjoni minn fejn kien gej l-appellant irid jieqaf fuq l-i*stop* sabiex jesplora t-triq kemm fuq ix-xellug kif ukoll fuq il-lemin. Min-naha tal-lemin, karozzi jistghu johorgu minn zewg toroq li t-tnejn huma vizibbli minn fejn hemm l-i*stop sign*. Ghalhekk, min ikun se johrog minn fuq l-i*stop* irid jassigura ruhu illi ma hemmx karozzi mixjin fid-direzzjoni tieghu. Hawn mhix kwistjoni li "tizgicca" jew li "tuza l-immaginazzjoni" izda li tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji qabel ma tiddeciedi li tohrog, u cioe` li tesplora t-triq sew, li tara *what is in plain view* u li mbaghad tohrog sabiex taqsam fl-iqsar zmien possibbli. Minn kif xehed l-appellant mbaghad, jidher li kien aktar koncernat biex jimmagina x'kienu l-*lights* milli biex jara dak li kien qieghed jigri fit-triq. Inoltre jikkontradici ruhu meta minn banda jghid li hemm trid "tizgicca" (jigifieri tohrog b'certa heffa) u mill-banda l-ohra jghid li dakinhar qala' bil-*first gear* bil-mod.

Kwantu mbaghad ghall-ilment ta' l-appellant illi c-certifikat mediku dwar l-offizi li garrbet Michelle Mizzi ma giex ikkonfermat mit-tabib, dan mhuwiex korrett peress illi a fol. 8 tal-process hemm l-affidavit tat-tabiba Dr. Janika Borg. U fi kwalunkwe kaz Michelle Mizzi xehdet ukoll dwar l-offizi li hija garrbet.

Konsegwentement l-aggravju ta’ l-appellant dwar il-mertu hu michud.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena stante li l-perijodu ta’ skwalifika f’kaz ta’ sewqan traskurat – kuntrarjament ghal fejn is-sewqan ikun perikoluz jew bla kont fejn l-iskwalifika hi, f’kaz ta’ l-ewwel kundanna, ghal zmien ta’ mhux anqas minn tliet xhur, u f’kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara ghal zmien ta’ mhux anqas minn sena – hu ta’ mhux anqas minn tmint ijiem. Inoltre mill-fedina penali tieghu ma jirrizultawx kontravvenzjonijiet ohra tal-ligijiet tat-traffiku, ghajr kaz ta’ sewqan ta’ opra tal-bahar fis-sena 2000 bi speed ta’ aktar minn 10 knots f’post sa 200 metru minn xtajta tal-blat, izda ghal liema reat gie kkundannat biss canfira u twiddiba (R & A).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat li l-appellant jigi skwalifikat mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal sitt xhur u minflok tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal xahrejn minn nofs il-lejl tallum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------